MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2003

Appell Civili Numru. 549/1996/1

**Cecil Pace u Henry Pace**

**Vs**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>IR-RIKORS PROMOTORJU</u>**

1. Cecil Pace u Henry ahwa Pace intavolaw rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fejn esponew kif gej:-

Illi huma azzjonisti, diretturi u kredituri tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u ta' kumpaniji assocjati.

Illi hemm pendenti quddiem il-Qrati ta' Malta aktar minn ghoxrin (20) kawza ghad-danni, kollha istitwiti minnhom kontra l-Kontrollur u l-Kontrollur precedenti personalment minhabba l-agir negligenti, abbuziv u illegali taghhom fl-amministrazzjoni tal-Bank u tal-kumpaniji assocjati.

Illi fid-9 ta' Gunju, 1995 dahal fis-sehh l-Att XVII tal-1995 dwar Kumpaniji Kontrollati (Procedura u Likwidazzjoni).

Illi l-imsemmi Att jissostwixxi l-process gudizzjarju u kanonizzazzjoni tal-kreditu b'decizjonijiet tal-Bord imwaqqaf bl-Att, liema decizjonijiet ghandhom ikunu finali, hlief ghad-dritt ta' appell limitat ghal punti ta' ligi biss. B'hekk il-beneficcju ta' doppio esame jintilef u minflok, ghar-rigward tal-fatti u apprezzament ta' punti teknici (bankarji u finanzjarji), id-decizjonijiet tac-Chairman tal-Bord ta' l-Appelli u taz-zewg membri l-ohra maghzulin mill-Ministru responsabbli ghall-finanzi jkunu finali u inappellabbli.

Illi, barra minn hekk, l-imsemmi Att XVII tal-1995 jaghti immunita` legali lill-Kontrollur, lill-Bord ta' l-Appelli u lill-Gvern b'effett retroattiv. Difatti l-Artikolu 16 ta' l-Att jipprovdi:-
"Ma tista' ssir ebda azzjoni kontra l-Kontrollur, il-Bord ta' l-Appelli jew il-Gvern ghal xi haga li ssir bis-sahha ta' dan l-Att jew ta' l-Att dwar il-Kummerc Bankarju u dan l-artikolu ghandu japplika mid-data tan-nomina tal-Kontrollur ukoll jekk dik id-data tkun qabel id-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att".

Illi konsegwentement hadd m'ghadu responsabbli legalment ghat-tberbiq ta' assi, tahwid, irresponsabilita` generali u maniggar hazin da parti tal-Kontrolluri Karmenu Mifsud Bonnici u Emmanuel Bonello.

Illi, barra dan, l-Att XVII jipprovdi wkoll ghat-thassir ta' l-isem ta' kumpanija jew ta' socjeta` mir-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali, bil-konsegwenza li l-provi dwar l-operat tal-Kontrolluri u l-inkartament tas-socjetajiet kummercjali li taghhom l-esponenti huma azzjonisti jigu ghall-ewwel arkivjati u sussegwentement distrutti in segwitu ghat-thassir ta' l-istess socjetajiet kummercjali minn fuq ir-registru.

Illi tant snin wara li l-procedimenti kriminali kontra taghhom gew maghluqa, ir-rikorrenti ghadhom jigu mcahhdin kull access ghall-kotba tan-negozju taghhom u 'records' ohra appartenenti lin-negozju taghhom, u b'hekk huma qeghdin jigu privati minn hwejjighom kollha.

Illi dan kollu jammonta ghall-ksur tad-drittjiet fondamentali ta' l-esponent in kwantu huma qeghdin jigu mcahhda minn kull xorta ta' rimedju effettiv, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittjiet Umani. Inoltre, id-disposizzjonijet fuq riferiti ta' l-imsemmi Att huma lezivi tad-drittijiet taghhom ghal smiegh xieraq a tenur ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Ghaldaqstant, talbu li dik il-Qorti joghgobha tiddikjara li l-imsemmija disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att tal-1995 huma lezivi tad-drittjiet fondamentali tar-rikorrenti ghal rimedju effettiv garantit bl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Umani u ghal smiegh xieraq a tenur ta' l-Artikolu 6 ta' l-istess Konvenzjoni u konsegwentement tiddikjara l-imsemmija disposizzjonijiet hekk lezivi bhala nulli u bla ebda effett.

## IR-RISPOSTA TA' L-INTIMAT AVUKAT GENERALI

2. Illi fir-risposta tieghu l-Avukat Generali wiegeb hekk:-

(i). Illi fir-raba' paragrafu tar-rikors promotorju, ir-rikorrent jillamenta li ser ikun limitat id-dritt ta' appell tieghu (ghaliex appell irid ikun fuq punti ta' ligi biss) u li dan imur kontra l-Artikolu 13 u kontra l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Dan l-argument huwa ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt ghal dawn ir-ragunijiet:

a) L-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni m'ghandu ebda forza indipendenti wahdu, izda huwa abbinat mad-drittijiet l-ohra elenkati fl-ewwel Skeda ta' l-Att XIV ta' l-1987.

b) La l-artikolu 6 u lanqas l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jaghtu xi dritt ta' appell. Dan intqal diversi drabi mill-organi ta' Strasbourg u l-unika riferenza ghal xi appell tinsab fi Protokoll 7 (artikolu 2) u dan huwa limitat biss ghall-azzjoni kriminali u lanqas biss jissemma c-civil jew il-kummercjal.

c) Insibu fid-"Digest of Strasbourg Case Law relating to the European Convention on Human Rights" (Vol. 1, Art. 1-5) pagni 22 u 23 lista ta' "Rights and Freedoms not guaranteed" u proprju f'pagna 23, wiehed mid-drittijiet li mhux garantit huwa "Right of Appeal with regard to the facts to a higher court".

Per ezempju:

4607/70, 3 February, 1971, YBXIV p. 634(662)
5092/71, 10 July, 1972 (unpublished)
5124/71, 19 July, 1972 Coll. 42 p. 135
6004/73, 31 May, 1974 Coll. 46 p. 168 (171)
6149/73, 8 July, 1974 Coll. 46 p. 172 (178)

Jissemmew ohrajn li mhux qed jigu prodotti a skans ta' ripetizzjoni.

***Ghal dawn ir-ragunijiet, dan l-argument tar-rikorrent ghandu jigi skartat*.**

(ii) Illi dwar il-fatti allegati fil-konfront ta' kontrolluri kemm passati kif ukoll prezenti, l-intimati ma jistghux jirrispondu ghaliex l-agir tal-kontrolluri mhux il-mertu ***ta' din il-kawza li hija purament dwar kawzali kostituzzjonali u ghalhekk dawn ghandhom jitqiesu bhala ghal kollox estranji ghall-kawza odjerna.***

(iii) Illi, ghal dak li jissottomettu r-rikorrenti dwar ***l-artikolu 16 ta' l-Att XVII ta'*** l-1995, l-intimati jissottomettu [recte: l-intimat jissottometti] li kull ma jaghmel dan l-artikolu huwa li jenunzja dak li dejjem kienet tghid il-ligi: li ma tistax tazzjona 'l xi hadd talli ghamel xi haga skond jew b'setgha ta' xi ligi. Dan huwa principju mnaqqax kemm fil-Kodici Civili (Artikolu 1030) kif ukoll huwa principju fid-dritt amministrattiv kemm f'dawk il-pajjizi maghrufa bhala "Common Law Countries" kif ukoll ta' dawk il-pajjizi li jimxu ma' Kodici Civili u ghandhom sistema ta' dritt amministrattiv separat (e.g. Franza). Il-Qorti tezamina atti amministrattivi biss biex tara jekk dawn sarux skond il-ligi.

Jekk kollox ikun sar skond il-ligi, il-Qorti ma tidholx biex tissindaka l-operat ta' l-ufficjal pubbliku u wisq anqas biex tissostwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ufficjal pubbliku.

Bla ma jiftiehem li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent qed jigu b'xi mod accettati ghandu jinghad li l-ligi (kienet liema kienet) ma taghti setgha lil hadd li jberbaq xi assi, ihawwad, jew b'xi mod ikun irresponsabbli.

Oltre dan, l-artikolu 16 lanqas huwa xi eccezzjoni fil-ligi taghna ghax jekk wiehed iqalleb l-Att XXXI ta' l-1994 ghandu jsib l-Artikolu 31:

***"31. Actions in good faith.***

***No action shall lie against any member of the Commission, the Director, or any other person for any act or omission done or omitted by him unless such act or omission were done in bad faith."***

(iv) Illi, ghal dak li r-rikorrent jillamenta dwar id-dokumenti. Qed jinghad li kull min ghandu bzonn xi dokument jista' jitlob il-produzzjoni tieghu waqt is-smiegh tal-kawza u hemm ir-rimedji ordinarji kollha (u mhux kostituzzjonali) biex wiehed jissalvagwardja l-pozizzjoni tieghu.

(v) Illi, ukoll ghal dak li ntqal dwar id-dokumenti aktar 'l isfel fir-rikors, ma jidhirx li dan il-lament ghandu jkun indirizzat vis a vis l-intimati u li jidher li s-soluzzjoni ghandha tkun ta' rikors fil-qorti kompetenti.

(vi) Illi jsegwi li t-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza taghha tat-28 ta' Mejju, 1999 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddecidiet hekk:-
"Tilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-sens li tiddikjara li d-dhul fis-sehh ta' l-Att XVII ta' l-1995, in kwantu dan cahhadhom mid-dritt li jkomplu bil-kawzi minnhom pprezentati u *in corso* ghal zmien konsiderevoli, jilledilhom id-dritt fundamentali taghhom salvagwardati bl-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentament tordna li l-kawzi li kienu gja` gew intavolati fid-data tad-dhul fis-sehh ta' l-Att XVII ta' l-1995 ghandhom jitkomplew bl-*iter* normali taghhom u skond il-ligijiet allura vigenti quddiem l-istess Qorti fejn gew ipprezentati, waqt li tichad il-kumplament tar-rikors.

L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet."

**L-APPELL TA' L-AVUKAT GENERALI**

4. L-Avukat Generali hassu aggravat b'din is-sentenza u interpona appell minnha fuq l-aggravji li gejjin:-

**Ir-Rekwizti ta' Tribunal**

Illi fil-konsiderandi taghha l-Ewwel Qorti qalet:

"illi ghalkemm l-Att XVII ta' l-1995 jaghti nomenklatura ta' Bord ta' Appelli, certament l-ewwel decizjoni li minnha qed jisimghu l-appell ma jidhirx li tkun inghatat minn Tribunal jew Awtorita` gudikanti." (Ara s-sentenza pagna 10).

Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti ma jidhirx mill-kliem ta' l-Att innifsu li l-Bord ta' l-Appelli huwa nieqes minn xi

rekwizit li jidher fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittjiet tal-Bniedem. Skond l-Artkolu 6:

“kulhadd huwa ntitolat ghal smiegh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi.”

M’hemm ebda dubju li dan it-Tribunal huwa mwaqqaf b’ligi ghaliex huwa mwaqqaf bis-sahha ta’ l-Artikolu 7 ta’ l-Att XVII ta’ l-1995.

L-indipendenza mill-ezekuttiv tal-membri li jikkomponuh hija wkoll salvagwardjata ghaliex ghandhom zmien ta’ security of tenure – tliet snin – li huwa accettat mill-Kummissjoni Ewropeja u mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Barra dan ma jistghux jitnehhew mill-kariga taghhom hlief wara li jkunu nghataw parir mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja wara provi cari li ma setghux jaqdu l-funzjonijiet taghhom minhabba:

“infirmity of body or mind or any other cause, or proved misbehaviour.”

Dawn ta’ l-ahhar huma parametri kwazi l-istess li jissalvagwardjaw post ta’ Imhallef fil-Kostituzzjoni nnifisha.

Oltre dan, dejjem skond l-artikolu 7, il-membri jridu jiehdu gurament quddiem l-Avukat Generali li jittrattaw il-materja quddiemhom b’ekwita` u imparzjalita`.

Skond ir-rikors promotur m’hemm ebda referenza ghall-imparzjalita` ta’ tali bord u fl-atti ma tirrizulta ebda prova dwar in-nuqqas ta’ imparzjalita`.

Isewgi li l-Bord imwaqqaf bl-Artikolu 7 ta’ l-Att XVII ta’ l-1995 ghandu r-rekwiziti kollha li jitlob l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u ghalhekk, bir-rispett lejn l-Ewwel Qorti, il-konkluzjoni li ghamlet l-Ewwel Qorti fil-pagna 10 hija erronea.

Qed issir referenza wkoll ghal decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess ismijiet u dwar l-istess Att fejn din l-Qorti dahlet fin-natura ta' dan it-Tribunal, talbet ukoll lista tal-membri li jikkomponuh, u ma sabet ebda ksur ta' l-Artikolu 6 fuq dan il-punt. Ghallhekk tissussisti r-res judicata dwar dan il-punt.

**<u>Id-Dritt ta' l-Appell</u>**

Kien dwar il-punt ta' l-appell li sahaq ir-rikors promotorju kif jidher mir-raba' paragrafu li diga' gie riprodott aktar 'il fuq.

L-Ewwel Qorti kkumentat hekk:

“Illi malli dahal in vigore l-imsemmi Att XVII, il-pozizzjoni tal-partijiet inbidlet sostanzjalment, b'mod li *inter alia*, id-dritt ghad-doppio esame li partijiet kellhom, issa spicca u spiccalhom il-konfort tar-revizjoni dwar kollox mill-oghla istituzzjoni gudizzjarja tal-pajjiz.” (ara s-sentenza pagna 11).

U aktar 'il quddiem fil-pagna 13:

“Il-Qorti ma tifhimx li r-regoli tal-loghba jistghu jigu b'xi bod mibdula waqt il-loghba stess, meta din kienet diga` bdiet u qed tintlaghab.”

Il-Qorti ma tarax sew li l-Gvern ikun f'pozizzjoni ipotetika li jaghzel kazi partikolari u jiddeciedi li jehodhom mill-kompetenza tal-Qorti tal-pajjiz u jghaddihom lil Tribunal anke jekk dan hu kompetentissimu.”

Il-punt krucjali f'dawn il-kummenti kollha kien wiehed semplici: Hemm obbligu taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja li wiehed ikollu dritt t'appell? U r-risposta dejjem kienet li dan id-dritt t'appell taht l-Artikolu 6 (jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni) ma jezistix.

“Article 6 does not guarantee a right of appeal from a decision by a court complying with Article 6 in either criminal or non-criminal cases.”[1]

Li jezisti huwa dritt ghal appell f’kazi kriminali izda dan id-dritt ma jidhirx fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni izda fl-Artikolu 2 tal-Prokoll Numru 7. Malta qatt ma rratifikat dan il-Protokoll u fi kwalunkwe kaz, dan id-dritt ghall-appell qieghed f’kazi kriminali waqt li l-kawzi pendenti huma ta’ natura civili.

Galdarba dan id-dritt mhux tutelat bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, isegwi ghalhekk li ma jistax ikun hemm ksur tieghu. Qed issir referenza ghal pagna 2 tar-risposta ghar-rikors promotorju fejn gew citati diversi kazi Ewropej fejn gie stabbilit li ***MHUX GARANTIT*** “a right of appeal with regards to the facts to a higher court”. (per ezempju: 4607/70 3 February, 1971 YB XIV p. 634).

Madanakollu, taht l-Att XVII ta’ l-1995, id-doppio esame ghadu hemm. Barra l-Bord ta’ l-Appelli, hemm id-dritt ta’ l-Appell fuq punt ta’ ligi. |(Ara: Artikolu 12) Mela l-Att kif inhu diga` qed imur oltre dawk id-drittijiet li huma tutelati bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Dwar il-kummenti maghmula mill-Ewwel Qorti fil-pagna 13, wiehed jissottometti li m’hemm xejn fl-artikolu 6 li jillimita d-dritt ta’ l-esekuttiv li jnehhi kawzi minn quddiem Qorti u jpoggihom quddiem Qorti ohra. Anzi bil-maqblub ta’ dak li hasbet l-Ewwel Qorti:

“Article 6(1) does not prohibit the establishment of special courts if they have a basis in law.”[2]

**L-Artikolu 13**

Dan l-Artikolu jghid hekk:

---

[1] Harris D.J O’Boyle M and Warbrick C: Law of the European Convention on Human Rights,
Butterworths 1995 page 240.

[2] Harris DJ, O’Boyle, Warbrick C op. Cit page 239

"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kariga ufficjali."

Skond il-kaz "Soering versus U.K."[3]
"***Article 13 guarantees the availability of a remedy at national level to enforce the substance of the Convention rights and freedoms in whatever form they may happen to be secured in the domestic legal order."***

Dan l-artikolu l-Ewwel Qorti nkludiet referenza ghalih minghajr ma qalet kif gie lez. L-unika referenza qasira ghalih tidher f'pagna 8 tas-sentenza.

Mill-kliem tal-kaz citat hawn fuq jidher li l-ghan ta' dan l-artikolu altru li qed jitlahaq mill-Ordinament guridiku Malti ghaliex mhux biss jezisti rimedju ghal xi ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kostituzzjoni, izda wkoll taht il-Kap 319 tal-ligijiet taghna.

Jekk wiehed jipprova li nkisirlu xi dritt taht l-artikolu 6, ghandu mod kif jista` jiehu soddisfazzjoni u allura ma jistax wiehed jifhem kif dan id-dritt seta` qatt kien lez meta l-Ligi Maltija qed tipprovdi l-mekkanizmu kollu mehtieg ghat-tutela tad-drittijiet imsemmija fl-ewwel parti tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll fl-Ewwel Protokoll.

Isewgwi ghalhekk li d-dritt tar-rikorrenti naxxenti mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ma giex lez bl-Att XVII ta' l-1995.

**<u>Il-Lanjanza l-ohra</u>**

Ir-rikorrenti appellati ssottomettew ukoll li d-drittijiet taghhom qed jinkisru minhabba l-Artikolu 16 ta' l-Att XVII ta' l-1995.

---

[3] Serie A 161 para 129 (1989).

L-ewwel Qorti ddecidiet li mhix kompetenti biex tiddeciedi dwar l-allegata immunita` legali koncessa lill-kontrollur bl-imsemmi Att anke fid-dawl tar-referenza li saret ghall-Artikolu 31 ta’ l-Att XXXI ta’ l-1994, u dan peress li l-lanjanza ma tistax tigi nkwadrata taht id-disposizzjonijiet citati.

L-Ewwel Qorti cahdet din il-parti tar-rikors kif jidher mill-parti tad-decidi u hawn qed tintalab konferma ta’ din ic-cahdet [recte: cahda] stante li kulma qed jaghmel dan l-artikolu huwa li jenunzja dak li dejjem kienet tghid il-ligi: li ma tistax taqzzjona ’l xi hadd talli ghamel xi haga skond jew b’setgha ta’ xi ligi. [4]

Ghaldaqstant, l-appellant Avukat Generali talab li dina l-Qorti tilqa’ dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) thassar u tirrevoka dik il-parti tad-decizjoni fejn iddikjarat li d-dhul fis-sehh ta’ l-Att XVII ta’ l-1995 illeda d-dritt tar-rikorrenti appellati kif salvagwardati bl-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tiddikjara li ma kien hemm ebda ksur ta’ dawn l-artikoli;

(b) thassar u tirrevoka dik il-parti fejn ordnat li l-kwazi li kienu gja intavolati fid-data tad-dhul fis-sehh ta’ l-Att XVII ta’ l-1995 ghandhom jitkomplew bl-iter normali taghhom u skond il-ligijiet vigenti quddiem l-istess Qorti fejn gew ipprezentati;

(c) tikkonfermaha fejn cahdet il-kumplament tar-rikors promotorju.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TAR-RIKORRENTI CECIL PACE U HENRY PACE GHAR-RIKORS TA’ L-APPELL TA’ L-AVUKAT GENERALI</u>.**

3. L-appellati wiegbu hekk

---

[4] Ara r-risposta ghar-rikors promotorju pagna 2 paragrafu 3.

## I **Kawza gia ntavolati**

Illi s-sentenza appellata inkwantu laqghet it-talba tar-rikorrenti fis-sens li ddikjarat li dhul fis-sehh tal-Att XVII tal-1995, inkwantu dan cahhadhom mid-dritt li jkomplu bil-kawzi minnhom ipprezentati u "in corso" ghaz-zmien konsiderevoli illedilhom id-dritt fundamentali taghhom salvagwardati bl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement ordnat li l-kawzi li kienu gja gew intavolati fid-data tad-dhul fis-sehh tal-Att XVII tal-1995 ghandhom jitkomplew bl-iter normali taghhom u skond il-ligijiet allura vigenti quddiem l-istess Qorti fejn gew ipprezentati, hija fil-meritu ekwa u gusta u timmerita li tigi konfermata u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad l-Appell tal-konvenut intimat appellant bl-ispejjez u dan ghar-ragunijiet sussegwenti:-

Illi b'riferenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-istess ismijiet u dwar l-istess Att fejn dina l-Qorti dahlet fin-natura ta' dan it-Tribunal, talbet ukoll lista tal-membri li jikkomponuh u ma sabet ebda ksur tal-Artikolu 6, l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi ma tissussistix ir-res judicata dwar il-kaz in ezami.

Filwaqt li fid-decizjoni l-ohra, l-Qorti Kostituzzjonali ma sabet ebda ksur tal-Artikolu 6, fil-fatt li gie stabbilit Tribunal, mill-banda l-ohra, s-sentenza appellata rat l-Artikolu 13 tal-istess Att tal-1995 u ddecidiet illi bid-dhul fis-sehh tal-Att XVII tal-1995, inkwantu dan cahhad lill-esponenti mid-dritt li jkomplu bil-kawzi minnhom ipprezentati u gja "in corso", illedilhom id-dritt fundamentali taghhom salvagwardati bl-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Konsegwentement l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat li dawk il-kawzi (biss) li kienu gia gew intavolati fid-data tad-dhul fis-sehh tal-Att XVII tal-1995 ghandhom jitkomplew bl-iter normali taghhom, u skond il-ligijiet allura vigenti, quddiem l-istess Qorti fejn kienu gew ipprezentati u b'hekk m'ghandhomx jigu trasferiti lill-Bord tal-Appell biex jitkomplew jinstemghu u jigu decizi minn dak il-Bord.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ma ezaminatx “in vaquo” l-effetti u l-konsegwenzi tal-Att XVII tal-1995 u lanqas ma dahlet fil-kompetenza o meno tal-membri mahtura fil-Bord jew dwar jekk l-indipendenza taghhom hiex garantita jew le kif ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza l-ohra.

Evidentement l-ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat illi r-rikorrenti kienu gja istitwew dawn il-proceduri skond il-ligi tal-pajjiz allura vigenti. Bil-promulgazzjoni tal-Att XVII din il-posizzjoni inbidlet b’mod sostanzjali u anke jekk, oggettivament is-sostituzzjoni tista’ tissodisfa r-rekwiziti mehtiega, xorta wahda lir-rikorrenti illeditilhom dritt li kien taghhom u li kienu agixxew a bazi tieghu

Illi kif iddikjarat l-ewwel Onorabbli Qorti stess skorrettement:-

(I) “Il-Qorti ma tifhimx li ir-regoli tal-loghba jistghu jigu b’xi mod mibdula waqt il-loghba stess, meta din kienet diga` bdiet tintlaghab”;

(II) “Illi l-Qorti ma tarax sew li l-Gvern ikun f’posizzjoni ipotetika li jaghzel kazi partikolari u jiddeciedi li jehodhom mill-kompetenza tal-Qorti tal-pajjiz u jghaddihom lit-Tribunal anke jekk dan hu kompetentissimu”;

(III) “Diga` nghad hafna dwar l-ipotetika possibilita` li l-Gvern jordna l-Imhallef li jkun qed jisma’ kawza jew kawzi jigi mwaqqaf mill-kompitu tieghu u sostitwit b’Imhallef iehor”;

(IV) “imma hawn ghandna proprio l-ezoneru tal-Qrati Ordinarji tal-pajjiz mill-kompitu li huma jkunu diga` bdew jaqdu skond il-ligi”;

Illi jinghad mill-ewwel illi l-ewwel Onorabbli Qorti kienet taf ben tajjeb bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza l-ohra u kienet hadet konjizzjoni ta' din il-kawza u ghalhekk id-decizjoni taghha ghandu jigi kkonstatat fid-dawl ta’ dan kollu.

**Il <u>Dritt ta' Appell</u>**

Illi minkejja illi jidher illi l-Konvenzjoni Ewropeja ma taghtix dritt ta' Appell hlief ghall-proceduri kriminali, l-Ewwel Onorabbli Qorti fehmet illi l-Konvenzjoni ma ridtx iggieghel lill-pajjizi membri li ma kellhomx inkorporati fl-istituzzjonijiet guridici taghhom proceduri ta' appell mid-decizjonijiet kollha, li jkunu kostretti li jestendu l-Organi Gudizzjarji biex dan isir.

Illi l-esponenti qieghdin jigu michuda minn rimedju legali gja ezistenti (deprived of a previously existing legal remedy) anke jekk stess ma hemmx dritt ta' appell lill-Qorti Superjuri inkluz fost id-drittijiet u libertajiet garantiti mill-Konvenzjoni (cf Application nos 4133/69, X vs U.K., Coll. 36, p.p 61, 63).

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni "does not, it is true, compel the Contracting States, to set up Courts of Appeal. Nonetheless a State which does institute such courts is required to ensure that they afford to persons subject to their juridiction the fundamental guarantee of Article 6 (European Court HR, Del Court Judgement of 17 February 1970 Series A, Vol.11, para. 25) and in particular the right of access to a court (Golden Case, judgement of 21$^{st}$ February 1975, Series A, Vol 18, paras 35, 36)".

Illi kif iddakjarat l-Ewwel Qorti:
(I) "Illi ma hemmx dubbju li f'pajjizna huma tassew ftit il-vertenzi li m'ghandhomx id-dritt tad-"doppio ezami" u l-azzjonijiet intavolati mir-rikorrenti permezz tac-citazzjonijiet imsemmija kienu jgawdu minn dan id-dritt.";

(II) "Illi ghalkemm l-Att XVII tal-1995 jaghti nomenklatura ta' Bord ta' Appelli (Bord ta' l-Appell), certament l-ewwel decizjoni li minnha qed jisimghu l-Appell ma jidhrix li tkun inghatat minn Tribunal jew Awtorita` Gudikanti";

(III) "Illi l-imsemmi Att tal-1995 jipprovdi ukoll d-decizjonijiet ta' dan il-Bord tal-Appelli ma jistghux jigu

kontestati hlief fuq punt ta' ligi; fin-nota tal-osservazzjonijiet ipprezentati mill-intimati huma jsostnu li fil-fatt dan mhu limitat xejn ghaliex huwa difficli targumenta u tirbah quddiem Qorti x'inhu punt tad-dritt u x'inhu dritt (punt ta' fatt)";

Illi dan ir-ragunament xejn ma kkonvinca l-ewwel Qorti "ghaliex allura d-distinzjoni hija superfluwa u tal-limitazzjoni setghet ma gietx inkluza fl-Att XVII"

Illi l-ewwel Qorti kkumentat hekk:
'Illi malli dahal in vigore l-imsemmi Att XVII, il-posizzjoni tal-partijiet inbidlet sostanzjalment, b'mod illi inter alia, id-dritt ghad-doppio esame il-partijiet kellhom, issa spicca u spiccalhom il-konfort tar-revizjoni dwar kollox mill-ghola istituzzjoni gudizzjarja tal-pajjiz" (ara s-sentenza pagna 11).

L-appellant intimat jirraguna illi la darba fil-Konvenzjoni Ewropeja mhux garantit dritt tal-Appell lanqas mhu garantit "a right of appeal with regards to the facts to a higher court", u ghalhekk billi l-Artikolu 12 tal-Att tal-1995 jaghti d-dritt tal-appell fuq punt ta' ligi, "mela l-Att kif inhu diga` qed imur oltre dawk id-drittijiet li huma tutelati bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni." Izda l-esponenti gja kellhom id-dritt tal-appell fuq punt ta' fatt kif ukoll punti ta' ligi u l-Att tal-1995 proprju qieghed icahhadhom min dritt ta' appell fuq kollox li huma diga` kellhom skond il-ligi tal-pajjiz.

L-esponenti jirreferu ghan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom quddiem l-ewwel Qorti u jirripproducu s-segwenti siltiet inter alia:

(I) "For civil cases, just as for criminal charges (see the Deweer judgment of 27 February 1980, Series A, Vol. 35, pp, 24-25 para 48), Article 6 (1) draws no distinction between questions of fact and questions of law. Both categories of question are equally crucial for the outcome of proceedings relating to "Civil Rights and Obligations" (p. 665 Vol. 2 (Art 6) tad-Digest of Strasbourg Case Law relating to the European Convention on Human Rights"

(II) "Hence, the "right to a court" (see the above mentioned Golder Judgment, Series A Vol. 18, pg. 18, para. 36) and the right of a Judicial determination of the dispute (see the above mentioned Konig judgment, Series A, Vol 27, pg. 34, para 98 in fine) covers questions of fact just as much as questions of law."

L-appellati jaghmlu riferenza ukoll ghas-segwenti siltiet mill-Volum fuq imsemmi tad-Digest of Strasbourg Case Law relating to the European Convention on Human Rights:-

(I) 6.1.1.3.2.4a Appeal and Cassation Proceedings.

"In its judgement in the Del Court Case, the European Court of Human Rights pointed out that Article 6 (1) of the Convention does not compel the Contracting States to set up Courts of Appeal or of Cassation but that, nevertheless a State which does institute such courts is required to ensure that persons amenable to the law shall enjoy before these courts the fundamental guarantees contained in Article 6 (European Court of Human Rights, Del Court Case, Judgement of 17 January 1970, para 25, Series A, Vol. II, p.p. 13 – 15)

(II) "Thus the Commission considers that although Article 6 does not guarantee an Appeal, where the opportunity to lodge an appeal is provided under domestic law, the guarantees under Article 6 continue to apply to the appeal proceedings (Decision No. 9315/81, 15 July 1983, Decisions and Reports 34, p. 96).

L-ewwel Qorti ddikjarat illi ma hemmx dubbji li r-rikorrenti intavolaw sensiela ta' kawzi u li ghadhom pendenti quddiem il-Qorti. "Dan huwa l-istat ta' fatt li kien jezisti meta dahal fis-sehh l-imsemmi Att XVII; jigifieri sa dik id-data allura, l-atturi istitew proceduri taht regolamenti li kulhadd jaf x'kienu l-istadji taghhom; dawn l-istadji kienu jinkludu d-dritt ta' Appell mid-decizjoni tal-Prim Awla u anke fost ohrajn dritt ghar-ritrattazzjoni ai termini tal-ligi."

III **<u>Appell Incidentali ta' l-Appellati Pace</u>**

Ir-rikorrenti appellati hassew ruhhom aggravati mid-decizjoni appellata inkwantu cahdet il-kumplament tar-Rikors Kostituzzjonali taghhom kif ukoll dwar il-kap tal-ispejjez u ghalhekk jinterponu appell incidentali billi jipprevalixxew ruhhom mill-appell principali bl-aggravju li huma ma jaqblux mad-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn iddikjarat:

(I) “Illi din il-Qorti mihiex kompetenti biex tiddeciedi dwar l-allegata immunita` legali koncessa lill-Kontrollur bl-imsemmi Att anke fid-dawl tar-riferenza li saret ghall-Artikolu 31 tal-Att XXXI tal-1994 u dan peress li l-lanjanza ma tistax tigi nkwadrata taht id-disposizzjonijiet citati”

(II) “Illi din il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti dwar il-lanjanza taghhom li d-dokumenti jistghu jigu distrutti peress illi skond il-ligi ordinarja dawn jezistu azzjonijiet disponibbli ghall-istess rikorrenti biex jassiguraw ruhhom li dan jigi evitat”

(III) “L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet”

**IV <u>Immunita` Legali</u>**

L-esponenti jissottomettu bir-rispett illi jekk il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) mihiex kompetenti biex tiddeciedi dwar l-allegata immunita` legali koncessa lill-Kontrollur u lill-Gvern bl-imsemmi Att, allura liema Qorti hija kompetenti?

In oltre l-esponenti jsostnu li din il-lanjanza taghhom tista` tigi nkwadrata taht id-disposizzjonijiet citati u certament inkwantu l-Konvenzjoni Ewropeja tiggarantixxi mhux biss id-dritt taghhom ghal smiegh xieraq a tenur ta’ l-Artikolu 6 izda ukoll tiggarantixxi d-dritt fundamentali ghar-<u>rimedju effettiv</u> skond l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Umani (Kap. 319).

Illi l-ewwel Qorti qalet li m’hijiex kompetenti biex tiddeciedi dwar l-allegata immunita` legali koncessa lill-kontrollur bl-

imsemmi Att anke fid-dawl tar-riferenza li saret mill-intimat appellant ghall-Artikolu 31 ta' l-Att XXXI tal-1994 li jghid:

"Art 31. Actions in good faith
No action shall lie against any member of the Commission, the Director, or any other person for any act or omission done or omitted by him unless such act or omission were done in bad faith";

L-intimat appellant kien issottemetta li l-Artikolu 16 ta' l-Att XVII ta' l-1995 lanqas ma huwa xi eccezzjoni fil-ligi taghna minhabba l-Artikolu 31 ta' l-Att XXXI ta' l-1994. Izda l-kliem li jintuzaw fl-Artikolu 16 tal-Att ta' l-1995 huma ghal kollox differenti:

"Art 16. Ma tista' ssir <u>ebda azzjoni</u> kontra l-Kontrollur, il-Bord ta' l-Appelli jew il-Gvern ghal xi haga li ssir bis-sahha ta' dan l-Att jew ta' l-Att dwar il-Kummerc Bankarju u dan l-artikolu ghandu japplika mid-data tan-nomina tal-Kontrollur ukoll jekk dik id-data tkun qabel id-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att."

Filwaqt illi l-Artikolu 31 ta' l-Att XXXI ta' l-1994 huwa limitat biss ghall-"actions in good faith", u allura huwa car illi jistghu jsiru kawzi f'kaz li "such act or omission were done in bad faith", l-Artikolu 16 ta' l-Att XVII ta' l-1995 espressament jghid ma tista' ssir ebda azzjoni, minghajr l-ebda kwalifika ghall-"Act or omission done in bad faith".

Illi mhux dak kollu li jsir bis-sahha ta' l-Att ta' l-1995 jew ta' l-Att Dwar il-Kummerc Bankarju necessarjament fil-prattika jista' jsir in bona fede. Anzi l-kawzi li gew intavolati mir-rikorrenti appellati proprju saru minhabba l-allegat malafede tal-kontrollur fil-qadi ta' dmirijietu minflok ma ssalvagwardja l-interessi tad-depozitanti, kredituri u azzjonisti kollha skond it-*terms of reference* tal-hatra tieghu skond l-Att Dwar il-Kummerc Bankarju, u li allegatament agixxa "ultra vires" il-poteri u l-hatra moghtija lilu.

L-Att XVII ta' l-1995 hija ligi specjali li hija ntenzjonata li tapplika minflok il-ligi ordinarja u b'hekk l-esponenti

qeghdin jigu michuda minn kwalsiasi dritt ta' rimedju effettiv skond il-Konvenzjoni Ewropeja.

**V Thassir ta' socjetajiet u dokumentazzjoni**

"Were Article 6 (1) to be interpreted as enabling a state party to remove the jurisdiction of the courts to determine certain classes of civil claims or to confer immunities from liability on certain groups in respect of their actions without any possibility of control by the Convention Organs, there would exist no protection against the danger of arbitrary power (see mutatis mutandis Golder case, Loc. Cit. Para 35)".

"In recognition of these principles the Commission has indicated that the jurisdiction of the courts cannot be removed altogether or limited beyond a certain point (Kaplan vs The United Kingdom, loc. cit, para 162). Similarly the Commission has emphasised that "a real threat to the rule of law could emerge if a State were arbitrarily to remove the jurisdiction of civil courts, to determine certain classes of civil action (Ashingdane vs The United Kingdom, a report of 12th May 1983, para 93). These principles apply not only in respect of procedural limitations such as the removal of the jurisdiction of the court, as in the Ashingdane case, but also in respect of a substantive immunity from liability as in the present case".

Skond l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem "Everyone whose rights and freedoms as set forth in this Convention are violated shall have an effective remedy before a national authority notwthstanding that the violation has been committed by persons acting in an official capacity".

L-esponenti jirrilevaw ukoll illi l-kawzi fuq imsemmija kif ukoll ohrajn pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili kienu qeghdin jigu ripetutament differiti minhabba li l-kontrollur Bonello ssolleva li bis-sehh ta' l-Att XVII ta' l-1995 fuq imsemmija din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni aktar li issa tinstab f'idejn il-Bord ta' l-Appelli u l-esponenti ghamlu riferenza ghall-proceduri Kostituzzjonali odjerni.

Illi b'riferenza ghar-risposta tal-intimat ghar-rigward ta' l-Artikolu 16 ta' l-Att XVII ta' l-1995 l-esponenti jissottomettu illi m'huwiex minnu illi kull ma jaghmel dan l-Artikolu huwa li jenunzja dak li dejjem kienet tghid il-ligi u cioe` li ma tistax tazzjona lil xi hadd talli ghamel xi haga skond jew b'setgha ta' xi ligi.  Li kieku dak li qed jissolleva l-intimat huwa minnu ma' kien hemm bzonn l-ebda necessita` tar-ripetizzjoni.  Jekk il-kontrollur diga` kellu mmunita` bis-sahha ta' l-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili (Kap. 16) ma kien ikun hemm l-ebda htiega li fl-Att XVII ta' l-1995 li fl-Artikolu 16 taghti immunita` legali sahansitra retro-attiva lill-kontrollur.

L-appellati jissottomettu wkoll li l-Artikolu 16 ta' l-Att XVII ta' l-1995 sar bl-iskop li l-kontrolluri jinghataw mmunita` legali ghal dak kollu li ghamlu tajjeb jew hazin u anki kontra l-ligi biex ma jkunux responsabbli ghall-ebda danni ikkagunati lill-esponenti minhabba l-allegat agir negligenti, abusiv u illegali taghhom personalment fl-amministrazzjoni tal-Bank u tal-kumpaniji assocjati.

L-Artikolu 1030 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jghid:

"Kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu bil-qies li jmiss, ma jwegibx ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu".

L-Artikolu 1031 imbaghad ikompli:

"izda kull wiehed jwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu".

L-Artikolu 1032 (1) jghid:

"jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja".

L-Artikolu 1032 (2) jkompli:

"hadd ma jwiegeb, fin-nuqqas ta' dispozizzjoni espressa tal-ligi, ghal hsara li tigri minhabba nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb fi grad akbar".

Ghar-rigward nuqqas ta’ diligenza l-Artikolu 1033 tal-Kap. 16 jghid:-

“Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni ghax ikun irid jew b'nuqqas ta’ diligenza, ta’ prudenza, jew ta’ hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi huwa obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f’hekk”.

Aktar minn ghoxrin kawza fuq imsemmija gew istitwiti mill-esponenti kontra il-kontrolluri personalment ghad-danni ikkagunati minnhom proprju minhabba l-agir negligenti, abbussiv u illegali taghhom fl-amministrazzjoni tal-Bank u tal-kumpanniji assocjati. L-esponenti qeghdin jallegaw li l-kontrolluri mhux biss ma uzawx il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta’ “bonus pater familias” izda ferm aktar minn hekk u cioe` qeghdin jallegaw agir negligenti, abbusiv u illegali bi ksur tal-ligi. L-istess kontrolluri konvenuti f’dawn il-kawzi diga’ qeghdin jaghmlu referenza ghall-Att XVII ta’ l-1995 fuq imsemmi li permezz taghha u senjatament tal-Artikolu 16 qeghdin jinghataw immunita` legali sahansitra retroattiva.

Illi l-esponenti jissottomettu li l-kontrolluri proprju ma kienux qeghdin juzaw il-poteri moghtija lilhom u jaqdu dmirhom skond il-ligi u ghalhekk ghandhom jwiegbu ghad-danni kkagunati minnhom.

Illi *del resto* kull amministratur huwa responsabbli ghad-danni kkagunati minnu skond il-ligi.

Illi l-hatra ta’ kontrollur skond il-Banking Act 1970 kif sussegwentement emendata hija hatra ta’ persuna li bhal kull amministratur iehor huwa responsabbli personalment ghal agir u amministrazzjoni tieghu. Il-kontrollur la huwa mpjegat tal-Gvern u lanqas ma huwa Civil Servant. Jithallas mill-fondi ta’ l-istess Bank u kumpaniji assocjati. Kwalsiasi danni kkagunati mill-kontrollur m’ghandhomx jigu mhallsa mill-assi tal-kumpaniji li jappartjenu lill-esponenti stess izda mill-kontrolluri personalment. Il-

funzjoni ta’ kontrollur qieghda tigi ezercitata minn persuni f’kapacita` personali.

Illi l-allegat agir tal-kontrolluri bla ebda mod ma jista’ jitqies bhala “bona fede” “in the interests of the company as a whole” u huwa frawdulenti anke fis-sens ta’ “improper motive”, bid-dissipazzjoni ta’ l-assi tal-Bank u tal-kumpanniji assocjati.

Illi l-Artikolu 16 ta’ l-Att XVII ta’ l-1995 espressament tghid “ma tista’ ssir ebda azzjoni kontra l-kontrollur …… ghal xi haga li ssir bis-sahha ta’ dan l-Att jew ta’ l-Att Dwar il-Kummerc Bankarju u b’hekk qeghdin jinghataw immunita` legali retroattiva.

L-intimat fir-risposta tieghu jghid li l-ligi ma taghti setgha lil hadd li jberbaq xi assi, jhawwad jew b’xi mod ikun irresponsabbli. U hekk hu u hekk ghandu jkun, izda l-Artikolu 16 ta’ l-Att XVII ta’ l-1995 jghid mod iehor.

VI **Thassir tas-socjetajiet u dokumentazzjoni**

Illi, barra dan, l-Att XVII jipprovdi ukoll ghat-thassir ta’ l-isem ta’ kumpanija jew ta’ socjeta` mir-Registratur tas-Socjetajiet Kummercjali, bil-konsegwenza li l-provi dwar l-operat tal-Kontrolluri u l-inkartament tas-socjetajiet kummercjali li taghhom l-esponenti huma azzjonisti jigu ghall-ewwel arkivjati u sussegwentement distrutti in segwitu ghat-thassir ta’ l-istess socjetajiet kummercjali minn fuq ir-registru.

Illi tant snin wara li l-procedimenti kriminali kontra taghhom gew maghluqa, ir-rikorrenti ghadhom jigu mcahhdin kull access ghall-kotba tan-negozju taghhom u “records” ohra appartenenti lin-negozju taghhom, u b’hekk permezz ta’ l-Att XVII ta’ l-1995, l-esponenti qeghdin jigu michuda mid-dokumentazzjoni ufficjali taghhom tant mehtiega sabiex jissosstanzjaw l-allegazzjonijiet taghhom fil-konfront tal-kontrolluri u l-provi taghhom fil-kawzi ntavolati minnhom qeghdin jigu limitati “unfairly” bir-rizultat ukoll illi b’hekk mhu ser ikollhom qatt d-dokumentazzjoni kollha sabiex jiddefendu d-drittijiet civili taghhom kontra l-

allegat tberbiq ta' assi, tahwid, irresponsabbilita` generali u malamministrazzjoni tal-proprjeta` taghhom bi ksur ta' dispozizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropeja u senjatament dawk ta' smigh xieraq u rimedju effettiv.

L-Ewwel Qorti qalet li ma taqbilx mar-rikorrenti dwar il-lanjanza taghhom "li d-dokumenti jistghu jigu distrutti peress li skond il-ligi ordinarja dawn jezistu azzjonijiet disponibbli ghall-istess rikorrenti biex jassiguraw ruhhom li dan jigi evitat".

Billi l-Att XVII ta' l-1995 hija ligi specjali jidher illi l-esponenti m'ghandhomx l-ebda rimedju f'dan ir-rigward skond il-ligi ordinarja, tant hu hekk illi minkejja l-isforzi kollha taghhom s'issa dawn dejjem gew michuda minn access u/jew spezzjoni ta' kopji ta' l-istess dokumenti ufficjali taghhom u din il-ligi ta' l-1995 tghamilha ghal kollox impossibbli ghalihom sabiex huma jirnexxu f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant l-appellati talbu li l-appell principali jigi rigettat bl-ispejjez ta' din l-istanza u li s-sentenza appellata tigi riformata billi tigi konfermata fil-meritu kif fuq indikat u tigi riformata in kwantu l-ewwel Qorti cahdet il-kumplament tar-rikors ta' l-esponenti fis-sens illi t-talbiet taghhom fir-rikors promotorju u l-appell incidentali taghhom jigu milqugha u tigi riformata fuq il-kap ta' l-ispejjez bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant intimat.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Fid-9 ta' Gunju 1995 dahal fis-sehh l-Att XVII ta' l-1995 dwar Kumpaniji Kontrollati (Procedura u Likwidazzjoni). Kienet proprju l-promulgazzjoni ta' din il-ligi li tat lok ghal din il-vertenza. L-appellati Cecil u Henry, ahwa Pace, intavolaw rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghall-otteniment ta' dikjarazzjoni minn dik il-Qorti li diversi disposizzjonijiet ta' l-imsemmi Att huma lezivi tad-drittijiet fondamentali taghhom ghal rimedju effettiv garantit bl-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem u ghal smiegh xieraq a tenur ta' l-artiklu 6 ta' l-

istess Konvenzjoni u konsegwentement l-imsemmija disposizzjonijiet kellhom jigu dikjarati bhala nulli u bla ebda effett.

7. Fir-rikors promotorju l-appellati ppremettew li huma azzjonisti, diretturi u kredituri tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u ta' kumpaniji assocjati u li fil-Qrati ta' Malta kien ghad hemm pendenti "aktar minn ghoxrin (20) kawza ghad-danni, kollha istitwiti minnhom kontra l-Kontrollur u l-Kontrollur precedenti personalment minhabba l-agir negligenti, abbuziv u illegali taghhom fl-amministrazzjoni tal-Bank u tal-Kumpaniji assocjati".

8. L-appellant ewlieni quddiem din il-Qorti (dan peress li jirrizulta li r-rikorrenti ahwa Pace interponew appell incidentali) issolleva numru ta' eccezzjonijiet kemm legali kif ukoll ta' fatt in opposizzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet tar-rikorrenti ahwa Pace. Is-sentenza appellata moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 1999 iddecidiet hekk:
"Tilqa' t-talba tar-rikorrenti (l-ahwa Pace) fis-sens li tiddikjara li d-dhul fis-sehh ta' l-Att XVII ta' l-1995, in kwantu dan cahhadhom mid-dritt li jkomplu bil-kawzi minnhom ipprezentati u <u>in corso</u> ghal zmien konsiderevoli, jilledilhom id-dritt fundamentali taghhom salvagwardati bl-Artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u konsegwentement tordna li l-kawzi li kienu gia` gew intavolati fid-data tad-dhul fis-sehh ta' l-Att XVII ta' l-1995 ghandhom jitkomplew bl-<u>iter</u> normali taghhom u skond il-ligijiet allura vigenti quddiem l-istess Qorti fejn gew ipprezentati, waqt li tichad il-kumplament tar-rikors. L-ispejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet".

Minn din is-sentenza gie intavolat appell mill-intimat Avukat Generali, kif ukoll appell incidentali min-naha tar-rikorrenti appellati. Din il-Qorti sejra l-ewwel tiddelibera u tiddeciedi dwar l-appell tal-Avukat Generali u, in segwitu tikkunsidra l-appell incidentali mressaq mill-ahwa Pace, l-appellati.

<u>**DWAR L-APPELL TAL-AVUKAT GENERALI;**</u>

9. Fir-rikors ta' appell tieghu, l-Avukat Generali qed jitlob li gej:
(i) it-thassir u revoka tad-decizjoni fejn iddikjarat li d-dhul fis-sehh ta' l-Att XVII tal-1995 illeda d-dritt tal-appellati Pace kif imharsa bl-artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tiddikjara li ma kien hemm ebda ksur ta' dawn l-artikoli;

(ii) it-thassir u revoka tal-periti fejn ordnat li l-kawza gja` intavolati fid-data tad-dhul fis-sehh ta' l-Att XVII ta' l-1995 ghandhom jitkomplew bl-iter normali taghhom u skond il-ligijiet vigenti quddiem l-istess Qorti fejn gew ipprezentati.

(iii) tikkonferma s-sentenza appellata fejn cahdet il-kumplament tar-rikors promotorju.

10. Bhala l-ewwel aggravju l-Avukat Generali jillanja dwar dik il-parti tad-decide fejn intqal fiha li minkejja l-isem ta' Bord ta' Appelli li hemm fl-Att XVII ta' l-1995 "certament – qalet l-ewwel Qorti – l-ewwel decizjoni li minnha qed jisimghu l-appell ma jidhirx li tkun inghatat minn Tribunal jew Awtorita` gudikanti". L-appellant isostni li l-Bord ta' Appelli ghandu r-rekwiziti kollha fil-ligi biex jitqies bhala tali u ghalhekk il-konkluzjoni tal-Qorti taht dan l-aspett kienet zbaljata.

Din il-Qorti ezaminat il-parti relativa ghad-decizjoni moghtija mill-ewwel Qorti u hija tal-fehma li, indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohrajn li huma marbutin haga wahda mal-meritu tal-kaz in ezami, m'huwiex korrett li jinghad li dan il-Bord ta' Appelli ut sic m'ghandux ir-rekwiziti kollha li jirrenduh wiehed indipendenti u imparzjali u legalment validu. Fil-fatt il-validita` legali tieghu kienet gja` giet imqeghda taht l-iskrutinju tal-Qorti Kostituzzjonali wara proceduri migjubin mill-istess appellati u li kienu intizi biex jinvalidaw u jimpunjaw it-twaqqif ta' l-imsemmi Bord ta' Appelli. B'sentenza elaborata moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, diversiment komposta, fit-3 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet: "Cecil Pace et vs. Onor Prim Ministru et" din il-Qorti kienet irriteniet li l-ligi tista' tipprovdi illi l-awtorita` gudikanti, fir-rigward ta' drittijiet civili, ikun tribunal u mhux

Qorti fis-sens ristrett tal-kelma. Wara li ghamlet ezami approfondit tal-ligi de quo, u partikolarment ghall-artikolu 7 ta' l-Att XVII ta' l-1995, hija kkunsidrat li t-Tribunal in kwistjoni, kif kostitwit b'ligi, kien jaghti dawk il-garanziji sufficjenti u idonei dwar l-indipendenza u l-imparzjalita` tieghu u tal-membri tieghu. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda minaccja ghad-dritt ghas-smiegh xieraq kif kien gie allegat mill-appellati odjerni f'dik il-procedura. In partikolari l-Qorti Kostituzzjonali ssenjalat ukoll li l-possibilita` ta' appell lill-Qorti ta' Appell dwar punti ta' ligi kien element importanti tan-natura imparzjali u indipendenti ta' dak it-Tribunal.

B'riferenza ghal dan, it-Tribunal bl-isem ta' Bord ta' l-Appelli, fl-imsemmija sentenza inghad ukoll li gej kwantu ghal-ligi li l-appellati qed ifittxu jimpunjaw fil-procedura in ezami:
"Oggettivament il-Bord huwa indipendenti. Id-decizjonijiet tieghu jasal ghalihom mhux fuq direttivi li jinghatawlu minn xi awtorita` ohra ghax il-membri tieghu huma marbutin bil-ligi 'li jezaminaw u jiddeciedu dwar kull kwistjoni li tigi lilhom riferita b'kull ekwita`…' u mhux skond direttivi jew struzzjonijiet li jinghataw minn xi hadd iehor;"

x x x

omissis

x x x

"Il-fatt li membru ta' tribunal ikun mahtur ghal zmien determinat ma jnaqqasx mill-indipendenza tieghu; anzi, aktar ikun hemm theddiha ghall-indipendenza tieghu jekk ikun mahtur ghal zmien mhux determinat li jista' jkun terminat minn haddiehor. Kif rajna, fil-kaz tal-Bord ta' l-Appelli, it-tnehhija ta' membru tista' ssir biss ghal ragunijiet specifikati mil-ligi u li jridu jkunu murija li tassew jezistu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, lanqas ma huwa wisq rilevanti t-tul jew qosor taz-zmien determinat tal-hatra:….

Li hu rilevanti, mela, mhux daqstant it-tul taz-zmien tal-hatra, izda x'effett ikollha fuq gudikant it-tama li, meta

jaghlaq iz-zmien tal-hatra tieghu, jerga' jinhatar mill-gdid. Aktar milli l-indipendenza, dan jista' jolqot l-imparzjalita` tal-gudikant, ghax fid-decizjoni tieghu jista' jkun motivat, mhux mill-mertu tal-kaz li jkollu quddiemu izda mill-htiega li jaghti decizjoni li toghgob lil min ghandu s-setgha li jerga` jahtru. Izda ma nistghux nghidu a priori, li kull gudikant li qed jittama li jerga` jinhatar huwa ipso facto parzjali u ppregudikat; sakemm ma jingibux provi kuntrarji, gudikant ghandu jitqies li huwa imparzjali (ara decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' Gunju 1981 fil-kaz ta' Le Compte et versus Belgium (A. 43, 1981), u kif jistghu jingiebu provi kuntrarji meta l-gudikant ghadna ma nafux min hu? Ma nistghux mela nghidu li tigi li tohloq tribunal u ma teskludix li membru ta' dak it-Tribunal jista` jerga jinhatar meta jaghlaq iz-zmien tal-hatra tieghu ma taghtix, minhabba f'hekk, garanzija ta' imparzjalita`;

Ghalhekk il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrenti li r-ragunijiet migjuba mir-rikorrenti stess juri li l-Bord, imwaqqaf taht l-Att XVII ta' l-1995 mhux tribunal indipendenti u imparzjali."

Imbaghad din il-Qorti f'dik is-sentenza surreferita ikkunsidrat ukoll l-aggravju li l-Bord ta' l-Appelli "ma jikkwalifax bhala Qorti:" u dwar dan inter alia qalet kif gej;
"Huwa minnu li l-Bord ta' l-Appelli mhux 'Qorti' izda dan ma jwassalx ghan-nullita` tal-ligi. La l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u lanqas l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jridu li decizjoni dwar drittijiet civili tinghata bilfors minn 'Qorti'; ghall-Kostituzzjoni hija bizzejjed "awtorita` ……. gudikanti mwaqqfa b'ligi" waqt li l-Konvenzjoni trid 'tribunal' imwaqqaf b'ligi. Kif qalet il-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Campbell u Fell versus ir-Renju Unit (decizjoni moghtija fit-28 ta' Gunju, 1984) (A.80, 1984), 'the word 'tribunal' in article 6 para. 1 is not necessarily to be understood as signifying a court of law of the classic kind, integrated within the standard judicial machinery of the country'. Li huwa mehtieg huma l-kwalitajiet ta' indipendenza u imparzjalita`, li rajna fuq, u li t-tribunal jew awtorita` gudikanti jkunu mwaqqfa b'ligi. Fil-kaz tal-lum, il-Bord ta' l-Appelli kien imwaqqaf bis-sahha ta' l-Att tal-Parlament. Naturalment, dan ma jfissirx li l-gurisdizzjoni

tal-Qrati tista’ titnehha billi jitwaqqaf tribunal specjali ghal kull fergha tal-ligi: fil-kaz tal-lum kien rilevanti l-fattur li l-gurisdizzjoni tat-tribunal specjali hija limitata u f’qasam specjalizzat hafna ……….. Barra minn hekk, kif qal sewwa l-Avukat Generali, “il-Qrati Maltin dejjem asserew il-gurisdizzjoni taghhom biex jirrevedu decizjonijiet ta’ tribunal imwaqqfa b’ligi”;

“Ghalhekk, fl-ahhar mill-ahhar, ukoll meta jitwaqqfu validament tribunali specjali, xorta tibqa’ l-gurisdizzjoni tal-Qrati li jaraw li l-ligi tithares;”

F’dik is-sentenza, li hija pjenament kondiviza minn din il-Qorti kif illum komposta, il-Qorti ghalqet l-osservazzjonijiet taghha fuq dan l-aggravju bil-kwalifika li gejja,
“Biex ma jkun hemm ebda ekwivoku, il-Qorti thoss li ghandha tghid li, ghalkemm taqbel li l-fatt li drittijiet civili jkunu determinati minn tribunal flok mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili, ma jwassalx bilfors u dejjem ghall-ksur ta’ xi dritt fundamentali, ma taqbilx mar-ragunijiet migjuba mill-Avukat Generali meta dan jimplika li biex tassew issir gustizzja, ghandha tittiehed is-setgha mill-Qrati u tinghata gurisdizzjoni minflok lil tribunali mwaqqfa ad hoc. Din il-Qorti trid taghmilha cara li din is-sentenza m’ghandhiex tiftiehem bhala boll ta’ approvazzjoni ghal dawn il-kummenti ta’ l-Avukat Generali, li anzi l-Qorti tqis li juru nuqqas kbir ta’ responsabilita` ….. Ghalhekk din il-Qorti tieghu l-okkazzjoni biex tistieden lill-Avukat Generali jqis ahjar il-kliem tieghu qabel ma jixhithom fl-atti.”

11. Din il-Qorti gja` espremiet ruhha fis-sens li hija taqbel ma’ dak li gia` deciz fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet “Cecil Pace et vs Onor Prim Ministru et” tat-3 ta’ Dicembru 1997. In vista ta’ din is-sentenza, l-appellant Avukat Generali ressaq aggravju in kwantu jirrileva li din is-sentenza tikkostitwixxi res iudicata bejn il-kontendenti u ma kienx hemm kwindi lok biex is-sentenza ad istanza ta’ l-appellati terga’ tinghata aditu u terga’ tigi deciza mill-gdid u ghal darb’ohra. Issa huwa pacifiku fl-ordinament guridiku taghna illi biex tigi eccepita r-res judicata jinhtieg li c-cirkustanzi rilevanti tal-kaz jibqghu l-istess u bejn l-istess partijiet bhal dawk tal-kaz deciz qabel (hekk ara,

Appell Civili, fil-kawza fl-ismijiet "A Bartolo –vs- C. Lautier" deciz fis-26 ta' April 1966). Jigi nnutat mill-ewwel li fil-procedura ojderna, ghalkemm il-partijiet huma l-istess u parti mill-meritu huwa wkoll simili, f'din il-procedura l-allegata vjolazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem giet allargata u bbazata wkoll fuq ksur tal-artikolu 13. Fi kliem iehor fil-kawza l-ohra dak li gie proprjament deciz kien biss li d-disposizzjonijiet ikkontestati fl-Att XVII ta' l-1995 indikati fir-rikors promotorju kienu jissodisfaw pjenament il-principju kostituzzjonali ghal smiegh gust u xieraq u bl-ebda mod ma jilledu jew jipperikolaw li jilledu dan id-dritt fundamentali sancit kemm mill-Kostituzzjoni kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropeja.

12. Il-kwistjoni "addizzjonali" li issa qieghdin iqanqlu l-appellati huma invece in relazzjoni ta' proceduri u kawzi li diga` nbdew u ghadhom pendenti quddiem il-Qrati ordinarji. Dan il-punt, ghalkemm sar acenn ghalih da parti ta' l-appellati fil-kawza l-ohra, fuq citata, bejn l-istess partijiet baqa' ma giex deciz. Tant hu hekk li f'dik is-sentenza nsibu li gej,
"Fir-rikors promotur – imma mhux fl-aggravju ta' l-appell – l-appellanti (l-odjerni appellati) donnhom jilmentaw mill-fatt illi bhala konsegwenza tal-ligi minnhom impunjata, kawzi li huma diga` pendenti quddiem il-Qorti ordinarja kienu ser jigi ttrasferiti quddiem il-Bord ta' Appelli issa mwaqqaf biex jigu minnu mismugha u decizi. Fuq dan l-aspett l-appellanti ma elaborawx hlief biex jissottomettu illi bhala konsegwenza huma kienu ser jigu issa ggudikati minn tribunal li ma kienx imparzjali u indipendenti. Huma ssottomettew li allura ma kienux ser jigu ggudikati minn 'Qorti indipendenti' u imparzjali kif trid il-Kostituzzjoni'. Huma ma jallegaw l-ebda lezjoni ta' dritt fundamentali taghhom taht l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jew taht l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jew xi artikolu iehor ta' dawn il-ligijiet bil-fatt biss tat-trasferiment ta' kawza diga` fil-konjizzjoni ta' Qort ghal quddiem il-Bord ta' l-Appelli;

Ghamlet sew allura l-ewwel Qorti li gustament u korrettement injorat dan l-aspett tal-premessi ta' l-

appellant fir-rikors promotur. L-istess ghandha u ser taghmel din il-Qorti."

Is-suespost huwa indikattiv bizzejjed li dan il-punt ghadu mhux deciz u certament ghalhekk ma jistax jitqies li ghadda in gudikat. Din il-Qorti, tara li hemm distinzjoni bejn li tirritjeni li l-Bord ta' Appelli kif mahluq bl-Att XVII tal-1995 fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni Ewropeja taht id-diversi aspetti msemmijin aktar qabel u bejn li tirritjeni li allura dan ifissier li kawzi u proceduri "in corso", cjoe` pendenti, quddiem il-qrati ordinarji jistghu jigu ttrasferiti ghal quddiem it-Tribunal il-gdid. Il-motiv ghal tali trasferiment seta` kien wiehed tajjeb, it-Tribunal jista' jkollu (kif jidher li ghandu fil-kaz tal-Bord ta' Appelli in ezami) dawk ir-rekwiziti kollha li jirrenduh tribunal indipendenti u imparzjali, izda b'daqshekk ma jfissirx li neccessarjament tali trasferimenti ta' kawzi gja` mibdija quddiem il-qrati ordinarji bilfors huma leciti u legali. Dan ghaliex jekk, minkejja li jkun Tribunal imwaqqaf validament minn punto di vista ta' ligi, it-trasferiment igib ukoll mieghu xi tnaqqis ta` sostanza minn dawn id-drittijiet jew rimedji legali li xi wahda mill-partijiet kienet tgawdi qabel ma sar it-trasferiment, allura dan ic-caqlieq jista' tabilhaqq iwassal ghall-ksur tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ippremettew l-appellati.

13. L-Artiklu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja jghid hekk:
"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u libertajiet tieghu kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorita` nazzjonali ghalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jagixxu f'kawza ufficjali".

Mill-fatti li gew esposti f'din il-procedura jirrizulta li fejn, per ezempju, l-appellati setghu jappellaw minn kull decizjoni li tinghata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm fuq punt ta' fatt kif ukoll ta' dritt, issa, in forza tal-Att XVII tal-1995, dan id-dritt gie mibdul u ristrett ghal dritt ta' appell fuq punt ta' dritt biss. Tali tnaqqis minn kif kienet il-ligi procedurali qabel ma gie fis-sehh l-Att impunjat vis-a`-vis il-partijiet kontendenti tammonta ghall-vjolazzjoni tal-precitat artikolu 13 tal-Konvenzjoni fid-dawl ta' decizjonijiet moghtijin mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tal-

artikolu 6 (1). Quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant argomenta li fil-prattika l-appellati ma tilfu xejn ghax hafna drabi d-distinzjoni dwar x'inhu punt ta' fatt u punt ta' dritt tisfuma b'mod li ma tfisser xejn. Evidentement dan l-argument, ghalkemm jidher li fl-appell tieghu l-Avukat Generali ma jergax jirrepetih biex minflok jerga' jishaq fuq il-punt li d-dritt ta' appell mhux wiehed garantit, gie gustament michud mill-ewwel Qorti. Il-fatt li l-appellant ma jinsistix aktar hafna fuqu pero` ma jfissirx li l-ksur li dan evidentement jikkostitwixxi ghall-precitati artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja ma baqax jissusisti. Fl-istudju awtorevoli The Strasbourg Case Law: Leading cases from the European Human Rights Reports, ta' Richard Gordon QC, Timward, Tim Ericke, (Sweet & Maxwell, London, 2001, pp 336-7) insibu li gej:
"As early as 1975, in the case of Golder v United Kingdom (1, EHHR, 524 (485)), the Court expressly recognised that Article 6 (1) does not only protect the right to a fair hearing once an individual is in court (as a strict literal reading of the provision might suggest) but also provides for a right of 'access to court'…..

The right of 'access' to court must also be protected not only in law but also in fact – practical obstacles to an applicant's accessing the courts may also constitute a violation of article 6 (1): for example, where non-disclosure of essential documents efficiently prevents the applicant from gaining access to the courts.

The right of access must be to a tribunal with 'full jurisdiction', in principle capable of determining both questions of facts as well as law (vide Le Compte Van Lennen and De Meyere v. Belgium (1982) 4 EHHR 1, 428) and which is not bound (and does not treat itself as if it was bound) in the determination of a central part of the dispute by another, non-judicial body".

Fil-kaz Kőnig v Germany (2, EHHR, 394) imbaghad gie ritenut inoltre li;
"Hence the right to a court and the right to a judicial determination of the dispute cover the questions of fact just as much as questions of law. Yet the Court of

Cassation does not have jurisdiction to rectify factual errors or to examine whether the sanction is proportionate to the fault …. It follows that article 6 (1) was not satisfied unless its requirements were met by the Appeals' Council itself".

Mela fejn qabel l-appellati, u del resto l-partijiet kollha, kellhom id-dritt ta' appell shih, dan id-dritt gie mnaqqas b'ligi promulgata u mqeghdha fis-sehh pendente lite. Kjarament dan l-operat jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 (1) u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja appuntu ghaliex, kif gustament gie ritenut mill-ewwel Qorti,
"….bil-promulgazzjoni ta' l-Att XVII, din il-posizzjoni nbidlet b'mod, sostanzjali u anke jekk, oggettivament is-sostituzzjoni tista' tissodisfa r-rekwiziti mehtiega, xorta wahda lir-rikorrenti lleditilhom dritt li kien taghhom u li kienu agixxew a bazi tieghu".

Isegwi ghalhekk li d-dhul fis-sehh ta' l-Att XVII ta' l-1995 mhux biss illeda d-dritt tal-appellati kif imharsa bl-artikolu 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja (riferibbilment ghall-kawzi allura pendenti) peress li jikkostitwixxi ksur ta' dan l-istess zewg artikolu, imma wkoll li l-kawzi li kienu gja` intavolati fid-data tad-dhul fis-sehh ta' l-Att XVII ta' l-1995 kellhom ikomplu bil-kors normali taghhom skond il-ligi jigifieri quddiem il-qorti li kienet qieghda tiehu konjizzjoni taghhom qabel ma gie fis-sehh l-art XVII tal-1995.

## L-APPELL INCIDENTALI

14. (i) L-appellati jsostnu min-naha taghhom li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'sede kostituzzjonali kienet il-qorti kompetenti biex tiddeciedi dwar l-allegata immunita` li giet estiza lill-Kontrollur u lill-Gvern bl-imsemmi Att u ghalhekk dak li gie deciz mill-ewwel Qorti taht dan l-aspett kien zbaljat. Dan hu hekk kemm il-ghaliex l-ilment taghhom jaqa` wkoll taht l-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja invokati minnhom, kif ukoll fid-dawl tar-riferenza li saret mill-kontroparti ghall-artikolu 31 ta' l-Att XXXI tal-1994 li jitkellem dwar "Actions in good faith" u l-istess haga jissottomettu fir-rigward tal-fakolta` moghtija ta' thassir ta' socjetajiet u dokumentazzjoni.

(ii) Fl-ahharnett l-appellati qeghdin jappellaw minn dak li gie deciz dwar il-kap ta' l-ispejjez in kwantu dan gie spartit bin-nofs bejnhom u bejn il-kontroparti appellanti.

Dwar l-ewwel parti ta' dan l-appell incidentali riferibilment ghall-ewwel aggravju, din il-Qorti tibda billi tirritjeni li hija ma taqbilx ma' l-ewwel Qorti li tali ilment kien jezorbita mill-kompetenza taghha. Dan maghdud pero` ma jidhrilhiex l-ewwel parti ta' l-aggravju ta' l-appellati dwar l-immunita` legali moghtija lill-Kummissarju in forza ta' l-artikolu 16 ta' l-Att XVII tal-1995 huwa fondat. Kif tajjeb jissottometti l-appellant Avukat Generali dan l-artikolu ma jfissirx u m'ghandux ifisser li xi hadd, f'dan il-kaz il-Kontrollur mahtur <u>ad hoc</u> biex jiggestixxi l-assi li kienu qabel jitmexxew mill-appellati ahwa Pace, qed jinghata immunita` generali minn proceduri legali fejn dan ma jkunx agixxa "in good faith". Fejn jigi ppruvat li xi hadd agixxa "in male fede" a detriment ta' haddiehor, hadd, lanqas il-Kontrollur, m'huwa immun ghaliex hadd ma hu 'l fuq mil-ligi.

15. It-tieni parti ta' l-aggravju fl-appell incidentali tirreferi mbaghad ghall-fakolta` moghtija bl-imsemmi Att ghat-thassir tas-socjetajiet u dokumentazzjoni. Din il-Qorti jidhrilha li ghal lanjanzi simili l-ligi ordinarja tipprovdi rimedji adegwati lill-appellati biex fil-kaz idoneju jitolbu u jesigu l-produzzjoni ta' kull dokument meqjus rilevanti ghall-fini ta' dawk il-proceduri. L-appellati ma ressqu ebda provi konkreti biex juru li gew impeduti jew imcahhda illegalment minn dan id-dritt u, sakemm ma jirrizultax b'mod konkret li dak kien tassew il-kaz, din il-Qorti, bhal dik ta' qabilha, ma jidhrilhiex li jistax jinghad li l-Att kkawza ksur ta' xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropeja taht l-aspetti li minnhom jillanjaw l-appellati Pace.

16. Dwar il-kap ta' l-ispejjez, din il-Qorti ma ssib xejn x'jiggustifika riforma minn kif gie deciz mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata fir-rigward ta' l-ewwel istanza. Kif iddecidiet l-Ewwel Qorti kien gust u korrett.

Illi ghalhekk l-ebda aggravju mressaq fl-appell incidentali tal-appellati ma hu qed jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fid-dawl ta' dak li gie ritenut minn din il-Qorti, tichad kemm l-appell tal-intimat Avukat Generali kif ukoll l-appell incidentali ta' l-appellati.

L-ispejjez relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu kif deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili; dawk ta' l-appell principali jithallsu mill-appellant Avukat Generali u dawk relattivi ghall-appell incidentali jkunu a karigu ta' l-appellati.

--------------------------------TMIEM--------------------------------